# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' April 2025**

**Talba nru. 64/2023 IS**

**ANTHONY SANT (I.D. 412479 M)) U ROMINA SANT (I.D. 210680 (M))**

***VERSUS***

**DR. EZEKIEL PSAILA (I.D. 389194 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-27 ta' Frar 2023 (a fol. 2), l-atturi talbu l-ammont ta' tliet elef u disa mija u sitta u disgħin Ewro (Eur 3,996) rappreżentanti xogħol ta' tħammil fis-sit fi Triq Dun Edgar Vella, il-Ħamrun li sar, skond l-attur, għall-konvenut, kif ukoll l-ispejjeż u l-imgħax.

Ra illi l-konvenut ippreżenta ir-risposta tiegħu fl-24 ta' Lulju 2023 (a fol. 11 sa 14).

Ra illi l-atturi għalqu il-provi kollha tagħhom fl-24 ta' April 2024 (a fol. 29) u reġgħu hekk ikkonfermaw fil-5 ta' Ġunju 2024 (a fol. 30).

Ra illi t-Tribunal għalaq il provi tal-konvenut fis-17 ta' Frar 2024 (a fol. 51) u l-konvenut ukoll ikkonferma dan b'permezz ta' nota datata 7 ta' Marzu 2025 (a fol. 53).

Ra illi l-partijiet iddikjawar provi kollha magħluqa fis-17 ta' Marzu 2025 (a fol. 63).

Ra illi saru diversi seduti u xehdu diversi persuni.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

F'dan il-każ, l-atturi allegaw illi l-konvenut ma ħallasx dak kollu dovut lilhom għal xogħol li sar mill-attur, Anthony Sant, filwaqt illi l-konvenut eċċepixxa illi hu ma għandu ebda kont pendenti jew relazzjoni legali mal-atturi.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal ser iqis it-talba tal-atturi sabiex jistabbilixxi x'kienet ir-relazzjoni bejn l-atturi u l-konvenut sabiex wara jkun jista' jiddetermina jekk il-konvenut hux obbligat li jħallas xi somom lill-atturi.

L-azzjoni atturi

It-Tribunal jirrileva l-ewwelnett illi l-attriċi Romina Sant hija biss parti mill-kawża għaliex hija miżżewġa lill-attur, Anthony Sant, fejn l-attur, Anthony Sant, għamel xi xogħolijiet lill-konvenut.

Mill-evidenza prodotta, it-Tribunal seta' jara li l-ftehim sabiex Anthony Sant jagħmel xogħol ta' skavar jew, kif jista' jkun anke imsejjaħ, tħammil, lill-konvenut kien dejjem ma' Alfred Delia, li huwa magħruf bħala Freddie Delia, u dan skond l-affidavit tal-attur stess li kien maħluf fil-5 ta' Ġunju 2024 u ppreżentat fl-istess ġurnata, liema affidavit jinsab a fol. 32. Fil-fatt, huwa qal fl-affidavit tiegħu illi "*4. ... Alfred Delia talabni biex ngħaddilhom prezz u jiena tajt prezz lil Alfred sabiex jikkomunikaħ lill-Avukat Ezekiel Psaila. Jiena hekk għamilt u Alfred kien ċempilli lura u qalli li l-Avukat Psaila kien aċċetta ...*" (a fol. 32). Ikkonferma l-istess verżjoni it-tifel tal-attur, Dylan Sant, fejn ippreżenta affidavit fil-5 ta' Ġunju 2024 u liema wkoll kien maħluf fl-istess ġurnata u li jinsab a fol. 33. Alfred Delia, li huwa magħruf bħala Freddie Delia, wkoll ikkonferma l-istess verżjoni fl-affidavit tiegħu, fejn liema affidavit ukoll kien maħluf minnu fil-5 ta' Ġunju 2024 u ppreżentat fl-istess ġurnata u li jinsab a fol. 34. Fil-fatt, Alfred Delia qal fl-affidavit illi " *... Ngħid illi kont jien illi kommunikajt ir-rata li Sant indikali lill-Avukati, u finalment kienu qabblu fuq ir-rata li jiena kkomunikat lilhom ...*" (a fol. 34). Anthony Sant reġa' wkoll ikkonferma li l-ftehim dejjem sar ma' Alfred Delia meta xehed in kontro-eżami fit-13 ta' Jannar 2025 fejn huwa xehed illi " *... jien għaddejtom lil Freddie biex jagħtihom lilu, li jiġifieri bħalma nagħmlu s-soltu, hu qabbadni miegħu u kkonferma li okaj hu ... lili direttament qaluli Freddie ...*" (a fol. 44). Għaldaqstant, it-Tribunal seta' jara li Anthony Sant kellu biss kuntratt ma' Alfred Delia, li huwa wkoll magħruf bħala Freddie Delia. It-Tribunal jifhem illi, għaldaqstant, l-atturi kellhom jintavolaw din it-talba kontra Alfred Delia, u dan ukoll skond l-Artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi "*Il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni.*" B'dan ukoll, pero', f'dan ir-rigward, it-Tribunal jirrileva illi l-kuntratt ippreżentat mill-konvenut ma jsemmi xejn dwar tħammil iżda jsemmi biss

twaqqigħ, pedamenti u bini, liema kopja tal-kuntratt tinsab a fol. 12 sa 14 u 54 sa 56 u għaldaqstant, it-Tribunal jirrileva illi kwalunkwe referenza għal dan il-kuntratt ma hix korretta f'dawn il-proċeduri.

It-Tribunal qies ukoll l-atturi jistgħu jargumentaw li kien hemm relazzjoni legali bejniethom u l-konvenut peress illi Anthony Sant u l-konvenut tkellmu fuq flus bejniethom skond ir-*recordings* li kienu ppreżentati mill-atturi u ukoll l-irċevuta li kopja tagħha tinsab a fol. 48. L-atturi jistgħu jargumentaw illi ġjaladarba l-konvenut ħallas xi somom lill-attur, Anthony Sant, direttament u fir-*recordings* il-konvenut instema' jgħid illi daqt iħallsu lill-attur, Anthony Sant, allura inħolqot xi tip ta' relazzjoni legali bejn l-atturi u l-konvenut. Iżda, f'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi anke li kieku l-atturi jargumentaw b'dan il-mod, kien imiss lilhom li jġibu l-aħjar prova sabiex jippruvaw it-talba tagħhom. It-Tribunal jirrileva illi r-*recordings* ma jsemmu ebda ammont li huwa dovut mill-konvenut lejn l-atturi, l-atturi ma ġabu ebda periti jew *quantity surveyors* li ħadu xi kejl sabiex jidderiġu lit-Tribunal x'kellu jkun dan il-ħlas u l-atturi anqas ġabu prova ta' kemm kienet imqar din l-istima li Anthony Sant kien ta lil Freddie Delia. Fil-fatt, Alfred Delia, fl-affidavit li jinsab a fol. 34 u li huwa hawn fuq imsemmi, jgħid illi " ... *Ma niftakarx x'kienet ir-rata* ..." (a fol. 34). It-Tribunal seta' jasal għal din il-konklużjoni a bażi mhux biss tal-evidenza hawnhekk imsemmija iżda anke tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili liema Artikolu jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Dan it-Tribunal jagħraf ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 559 tal-Imsemmi Kodiċi illi jipprovdi illi "*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*" Tali Artikolu kien hekk diskuss mill-Qorti diversement presjeduta fejn il-Qorti diversement presjeduta irriteniet diversi drabi, fosthom fis-sentenza ***Anthony Xerri (K.I. nru. 209398M) ('ir-rikorrent') vs. Claudette Spencer (K.I. nru. 307378M) u Domnic Spencer (K.I. nru. 443400L) ('l-intimati')***[1] illi "*mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib**.*" L-istess qal it-Tribunal diversement presjedut fejn fis-sentenza ***DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO***[2] ikkonkluda illi "*dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l-istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista' toffri jew tressaq.*" B'dan illi tali Artikolu pero' ma jistax jinftiehem illi t-Tribunal irid jidderiġi lill-partijiet xi provi jressqu għaliex tali kompitu huwa biss tal-partijiet tal-kawża għaliex inkella it-Tribunal ikun qed iżomm ma' parti jew oħra inġustament u b'dan illi dan it-Tribunal jista' biss imbagħad iħares lejn tali provi mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta' xi parti jew oħra.

---

[1] 18 ta' Settembru 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 39/2021

[2] 3 ta' Frar 2020, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Ref.: 80/2019

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-atturi.

Jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-atturi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur